# L-Inkurunazzjoni fil-Ġurnali 122 Sena ilu

Kitba ta' P. Feliċjan Bezzina O.Carm

Fost il-ġurnali u perjodiċi stampati fis-sena 1881 sibt diversi li, f'konnessjoni mal-festi ta' l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu u tal-festa tagħha tas-Sittax ta' Lulju, ippubblikaw aħbarijiet, ġrajjiet u fehmiet li wħud minnhom għad ma dehrux f'kotba li jittrattaw dawn iż-żewġ avvenimenti sagri. Għalhekk ħsibt li niġborhom b'ċertu ordni ħalli jkollna deskrizzjoni ftit dettaljata tal-festi msemmija.

## I. Tħejjija għall-Festi:

### A. Appelli

1. – Kważi minn sena qabel, **"L'Amico del Popolo"** (**Ġimgħa 17 ta' Settembru 1880**) xandar l-aħbar illi l-Madonna tal-Karmnu, meqjuma b'devozzjoni straordinarja fil-knisja tal-Karmelitani, Valletta, fi żmien qasir se tiġi inkurunata b'kuruna tad-deheb mill-Kapitlu tal-Vatikan. L-editur ħeġġeġ lill-Maltin biex jikkontribwixxu għall-festi solenni ta' l-Inkurunazzjoni u b'hekk jagħtu prova oħra tad-devozzjoni tagħhom lejn ir-Reġina tal-Karmelu. "Niftakru illi jekk dan il-privileġġ hu ta' glorja għal Marija u ta' ġieħ għall-Karmelitani, ikun ukoll ta' tifħir għall-Maltin li, fost tant Xbihat tal-Verġni, l-ebda waħda, s'issa, m'għad għandhom inkurunata."

2. – Il-perjodiku mensili **"Il-Bon Pastur" ta' Ġunju 1881**, f'appell lill-poplu Malti jikteb: "Jixraq wisq li lejlet din il-festa d-djar kollha jagħmlu luminazzjoni fit-twieqi u fil-gallariji u waqt il-purċissjoni jiddendlu d-damaski, bħalma kien użu ftit ilu. Kienet tkun ħaġa wisq isbaħ jekk f'din il-festa jingħata xi bukkun ħobż lill-foqra."

3. – Malli beda t-Tridu solenni, **"L'Amico del Popolo" (12.7.81)** talab lir-residenti tal-Belt u l-aktar dawk li joqogħdu qrib tal-knisja tal-Karmnu li juru d-devozzjoni tagħhom lejn il-Madonna permezz ta' illuminazzjoni ġenerali u tat-tiżjin tad-djar.



*Mons. Pietru Pace*
*Isqof ta' Għawdex*



*Mons. Salvatore Angelo DeMartis (Karmelitan)*
*Isqof ta' Galtelli Nuoro, Sardegna*

### B. Aħbarijiet

1. – Fit-8 ta' Lulju dan il-perjodiku ppubblika l-ismijiet taż-żewġ Isqfijiet: Mons. Pietru Pace u Mons. Salvatore DeMartis, li kienu se jassistu lill-Isqof ta' Malta Mons. Carmelo Scicluna, delegat tal-Kapitlu Vatikan, għall-funzjoni ta' l-Inkurunazzjoni. Informa lill-qarrejja illi l-Ġeneral ta' l-Ordni Karmelitan, Patri Angelo Savini, u s-Segretarju tiegħu Patri Luigi Galli se jattendu wkoll.

2. – Fil-kolonna **"Cronaca" ta' din id-data, "L'Amico del Popolo"** ħabbar illi: "għall-festi tal-Madonna tal-Karmnu sejrin jinżammu tiġrijiet tad-dgħajjes u l-ġostra fil-port ta' Marsamxett, nhar l-Erbgħa 13 ta' Lulju u jibdew fl-4.00pm. F'Tas-Sliema jkun hemm it-tiġrijiet tal-kwadrupedi organizzati minn individwi li daħlu għal dan ix-xogħol. Dawn it-tiġrijiet jibdew fil-5.00pm tal-Ħamis 14 ta' Lulju 1881: jitilqu mill-għolja ta' Prince of Wales u jibqgħu jġerru sa ħdejn il-pont ta' Forti Manwel. F'dawn it-tlielaq jistgħu jieħdu sehem il-Maltin u l-Ingliżi..."

### Ċ. Avviżi Sagri: Ċerimonji

(a) Ġimaghtejn qabel il-festa ta' l-Inkurunazzjoni (1 ta' Lulju 1881) **"L'Amico del Popolo"** fisser kif issir l-inkurunazzjoni u liema Xbihat jistgħu jkunu inkurunati: dan għamlu mhux biss bħal aħbar imma wkoll bil-ħsieb li jirribatti lil xi wħud "che vanno dicendo che la Vergine è stata gia coronata e non lo può essere una seconda volta." Hawnhekk il-ġurnal ġab traduzzjoni bit-Taljan tat-test Latin dwar l-ordinament u l-kundizzjonijiet mitluba mill-Kapitlu Vatikan għall-inkurunazzjonijiet.

(b) Dan l-istess avviż sagru deher ukoll stampat:

i. – **"Portafoglio Maltese"** tat-Tnejn 11 ta' Lulju 1881;
ii. – **"L-Ordine: giornale politico-religioso"** ta' l-Erbgħa 13 ta' Lulju.

**2. – Programm tat-Tridu Solenni.**
Bi tħejjija għas-Solennità ta' l-Inkurunazzjoni, il-Patrijiet Karmelitani fformulaw Programm ta' Tridu Solenni mit-12 sa l-14 ta' Lulju 1881, li xxandar f'dawn il-ġurnali:
**"L'Amico del Popolo"** Tlieta 12 ta' Lulju 1881;
**"Fede ed Azione"** ta' l-istess data;
**"Il Portafoglio Maltese"** ta' l-istess data;
**"L'Ordine: giornale politico-religioso"** l-Erbgħa, 13 ta' Lulju 1881.

## II. Sehem fil-Festa

### A. Offerti

1. – "Għandna l-pjaċir ngħidu" kiteb **"L'Amico del Popolo" (22/7/81)** illi l-poplu kkorrisponda bil-kontribuzzjonijiet tiegħu għall-appell li għamilna fis-17 ta' Settembru 1880: dawn il-kontribuzzjonijiet kienu jixirqu tassew lill-poplu devotissimu tal-Verġni tal-Karmelu."

2. – Dan insibuh ikkonfirmat mill-perjodiku **"Fede ed Azione" tat-2 ta' Awissu:** "L-għajnuniet mogħtija mill-Maltin għal din il-festa jingħad li kienu 'copiossime' kbar ħafna."

### B. Armar fil-Knisja

1. – Għall-festa ta' l-Inkurunazzjoni, 15 ta' Lulju, il-knisja kienet imżejna ferm sabiħ u armata b'ċertu gost: dan sar taħt id-direzzjoni tas-Sur Giuseppe Calleja li qala' tifħir mingħand kulħadd. (Ara **"L'Amico del Popolo" n. 191 p.3**.)

2. – **"L'Ordine: giornale politico-religioso"** tas-27 ta' Lulju feraħ lill-kittieb Latinista Dun Ġ. Zammit għall-epigrafi tassew eleganti tiegħu u għas-sitt epigrafi oħra b'versi Latini kollha jittrattaw fuq l-Inkurunazzjoni: dawn is-sitta nkitbu minn Patri Karmelitan. Dan ir-reliġjuż ma kienx għajr, kif għandna miktub fil-perjodiku **"Fede ed Azione" (6 ta' Awissu 1881)**, il-Karmelitan Patri Anastasio Ronci.

3. – Bi tweġiba li diversi Maltin taw għall-appell sabiex jikkontribwixxu għall-festa, **"L'Amico del Popolo" (22/7/81)** ma naqasx li jsemmi x'uħud mill-opri l-ġodda li żżanżnu fil-ġranet tal-festi:

i. żewġ kuruni tad-deheb stmati bl-iskudi: waħda sinjura tat 800 skud; oħra offriet 600 u t-tielet ħallset 200 skud;
ii. sett ta' sitt lampieri sabiex jitqiegħdu u jinxtegħlu quddiem ix-Xbiha Inkurunata tal-Karmnu: rigal ta' waħda sinjura; mentri, skond **"Fede ed Azione" (6/8/1881)** dawn il-lampieri huma tal-fidi u rigal ta' wieħed sinjur.
iii. purtiera grandjuża tal-ħarir blu, irrakkmata bid-deheb, rigal ta' sinjura u din ħadmitha flimkien ma' sinjorina oħra;
iv. tvalja għall-altar maġġur, tal-ħarir ċelesti, irrakkmata bid-deheb folt li saret minn ċerta sinjorina.

Fil-ħarġa **n. 1631 "L'Ordine: giornale politico-religioso"** naqraw illi l-purtiera hija rigal tal-Markiża Sinjorina Rosina Apap Testaferrata li ħadmitha flimkien mas-Sinjorina Marija Bonavia; it-tvalja fuq l-altar inħadmet mis-Sinjorina Filomena Grima.

### Ċ. Festi Reliġjużi

1. – "Wasal fl-aħħar il-jum tant mixtieq ta' l-Inkurunazzjoni. Lilna l-ġurnalisti jmiss li niddeskrivu bir-reqqa kulma sar f'din iċ-ċirkustanza memorabbli sabiex kollox jibqa' mniżżel fl-istorja ta' Artna." **("L'Amico del Popolo" n. 190 paġ. 2 tal-Ġimgħa 22 ta' Lulju 1881.)** F'din id-deskrizzjoni se jitniżżel minħabba l-limiti ta' l-ispazju, dak li mhux elenkat fil-Programm tal-Festi Interni u Esterni.

2. – Il-Ħadd, 3 ta' Lulju 1881, bdiet in-novena li għaliha l-konkors tal-poplu ma kienx inqas minn ta' snin oħra. Fiha smajna b'ammirazzjoni: il-priedki bil-Malti ta' Patri Kerubin Kapuċċin; il-mużika taħt id-direzzjoni tas-Surmast Perez u "Salve Reġina" ferm sabiħa tas-Senglean Giovanni Bonnici. Dan dwar in-novena.

Fl-ewwel jum tat-Tridu, qaddes il-Ġeneral ta' l-Ordni Karmelitan P. Angelo Savini "dak stess li l-bieraħ kellu laqgħa mponenti mill-poplu Malti: laqgħa li lkoll nafu biha..." Filgħaxija ndaqqet sinfonija ħelwa miktuba mis-Sur Ruġġier Carabott.

Fit-tieni jum tat-Tridu, Mons. Pace, Isqof ta' Għawdex, fil-quddiesa pontifikali tiegħu, kien assistit minn żewġ kanonċi tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Valletta r-Rev.di De Gabriele u Baldacchino. Wara l-barka sagramentali, meta ħareġ mill-knisja, dan l-Isqof kellu dimonstrazzjoni tassew kbira: il-poplu mimli entużjażmu akkumpanjah sad-dar fost għajjat ta' ferħ u bid-dawl ta' Bengala u kieku Mons. Pace ma żammx sod fil-fehma tiegħu, in-nies kienet tneħħi l-karozzella minn maż-żwiemel biex iġorruha huma stess.

Il-Ħamis, 14 ta' Lulju, l-aħħar jum tat-Tridu, qaddes pontifikal l-Isqof DeMartis assistit mill-istess kanonċi. Dan l-isqof Karmelitan wasal Malta fil-jum ta' qabel u l-poplu devot għamillu minn qabel dimostrazzjoni sinċiera li kienet tkun ferm aktar imponenti kieku l-wasla tiegħu ma saritx f'ħin kritiku. F'dan il-jum ħadna gost nisimgħu "Salve Regina" tas-Surmast Emanuel Bartoli; anke s-"Salve Regina" miktuba mis-Sur Vincenzo Carabott li ndaqqet il-bieraħ, hija tassew sabiħa.

Il-Ġimgħa, 15 ta' Lulju 1881, Jum l-Inkurunazzjoni. Kulħadd stenna illi f'dan il-jum se jattendu folol kbar ta' nies. Għalhekk sabiex jiġu evitati d-disgrazzji u d-diżordni, il-Pulizija ħasbet li tqiegħed, sa minn filgħodu kmieni, xi kuntistabbli ħdejn iż-żewġ bibien tal-knisja tal-Karmnu biex ma jħallux tifforma ruħha xi folla kbira li tista' tikkaġuna rassa qawwija fit-tempju jew jinqala' xi storbju minħabba l-folol li jinġabru. **("Risorgimento" l-Erbgħa 15 ta' Lulju 1881.)**



*Mons. Carmelo Scicluna, Isqof ta' Malta*

Malli l-Isqof Scicluna daħal il-knisja, għall-ħabta tas-7.30am il-Kapitlu tal-Katidral ħa postu quddiem it-tron veskovili: L-isqof u l-kanonċi kollha libsu paramenti sagri, l-isbaħ fost li jippossedi l-Katidral. Mal-ġenb tat-tron ta' l-isqof, ftit 'l isfel minnu, barra mit-tliet kanonċi tal-Katidral, kien hemm ukoll żewġ kavallieri ta' Malta: il-Kommendatur Sommi Picenardi u l-Kommendatur Federico Quaranta dei Baroni di San Severino li ġew apposta minn Ruma biex jassistu għall-Inkurunazzjoni. Il-Kanċillier Dun Giuseppe Rossi, nutar, qara b'leħen għoli, id-digriet ta' l-Inkurunazzjoni li bħala xhud tagħha ntgħażlu l-Imħallfin Pullicino u Xuereb li flimkien mal-Konti Serafin Cantar u l-Markiż Saverio DePiro assistew għall-funzjoni f'postijiet riservati fl-ewwel fila.

Wara l-quddiesa solenni, l-Isqof Scicluna ntona "Regina Coeli" u akkumpanjat minn żewġ monsinjuri tela' fuq il-palk, mibni apposta fil-kor, u poġġa l-kuruni tad-deheb waħda fuq ras it-Tfajjel Ġesù u l-oħra fuq ras il-Madonna. L-E.T. imbagħad intona "Te Deum". Hawnhekk intemmet il-funzjoni grandjuża ta' l-Inkurunazzjoni. L-Isqfijiet Mons. Pace u Mons. DeMartis, li assistew għaċ-ċerimonja minn postijiet distinti, akkumpanjaw l-Isqof Scicluna sa ħdejn il-bieb tal-knisja, fejn sab folla mmensa li għamlitlu dimostrazzjoni liema bħalha. Skond il-**"Risorgimento" n. 1461**, aktar minn 6000 ruħ ħonqu t-toroq ta' madwar il-knisja waqt il-funzjoni ta' l-Inkurunazzjoni.

Malli l-Isqof Scicluna daħal fil-karozzella tiegħu, in-nies neħħew minnha ż-żwiemel u bdew jiġbduha huma. Folla bla għadd kemm quddiem u wisq iżjed wara l-karozzella ta' l-isqof bdiet timxi bil-mod tkanta u xxejjer il-bnadar. Meta waslu l-Main Guard, l-uffiċjali Ingliżi, li kienu għassa, jew għax ma ndunawx jew għax ma ridux jatgħu kas, skond **"Fede ed Azione" n. 254**, dawn ma ppreżentawx l-armi lill-Monsinjur Isqof. Allura l-poplu waqqaf il-karozzella u beda jgħajjat biex is-suldati joħorġu u jagħtu s-salut lill-isqof: dan is-salut fil-fatt ingħata fost iċ-ċapċip tal-poplu li baqa' jakkumpanja l-isqof sal-palazz tiegħu.

Matul il-vespru, nies kolti ħadu pjaċir jisimgħu kompożizzjoni ġdida tas-Surmast Antonio Nani: erba' strofi tal-"Laudate Pueri" kantat minn solo baritonali u mill-kor tat-tfal.

Is-Sibt 16 ta' Lulju, jum titulari tal-Verġni **"L'Amico del Popolo"** kompla jgħidilna illi P. Luigi Galli, bħala paniġerista, għandu jitqies fost il-predikaturi l-aktar magħrufa li qatt smajna f'dawn il-gżejjer. Irridu nfaħħru sinċerament lis-Sur Pawlu Nani għall-kompożizzjoni ġdida tiegħu "Gloria in Excelsis" li n-nies kolti ħadu ħafna gost biha. B'dik l-umiltà, li hija proprja tiegħu, l-Isqof Pace, f'dan il-jum tal-festa, qaddes quddiesa privata. Filgħaxija Mons. DeMartis ta l-Barka Papali.

Wara l-kant tal-vespru, ħarġet mit-Tempju Santwarju purċissjoni grandjuża komposta minn 12-il fratellanza; mir-Reverendi Patrijiet Kapuċċini, Minuri Osservanti – li dawn biss fost l-Ordnijiet Regolari aċċettaw li jieħdu sehem fil-purċissjoni – u Karmelitani. Il-purċissjoni tmexxiet mill-Isqof Karmelitan Mons. Salvatore Angelo DeMartis. Dan, bil-permess ta' l-Isqof Djoċesan akkumpanja bl-unuri kollha pontifikali: libes mitra ġemmata; kellu jassistuh żewġ kanonċi mill-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt; ċerimonjier mill-kleru tal-Katidral; wara l-Isqof DeMartis mexa Kappillan bit-torċa f'idejh. Dan kien il-kappillan ta' l-isqof ta' Għawdex, skond il-**"Corriere Mercantile Maltese" (n. 7624, paġ. 2)** u

paġġ liebes l-uniformi sewda. Quddiem l-isqof mexa kjerku bil-kappa (barra minn dawk l-oħrajn tas-soltu) jġorr il-baklu pastorali **("Fede ed Azione" tat-2 ta' Awissu).**

Il-purċissjoni għaddiet minn dawn it-toroq tal-Belt: Teatru, Punent, l-Isqof, Merkanti, San Ġwann, ir-Repubblika u mill-ġdid Teatru. Hija u dieħla fit-Tempju l-istatwa tal-Verġni ġiet milqugħa bid-dawl ta' Bengala u minn għajjat ta' ferħ u applawsi kbar tal-poplu mmens.

### D. Festi ta' Barra

1. – Barra minn dak previst u li wara seħħ fil-programm, ta' min jgħid dan: f'nofs il-Pjazza San Ġorġ intrama palk tal-banda, biċċa xogħol li kulħadd ammira u faħħar. Barra mid-disinjatur Senglean Franġisk Bonnici, ħadmu fih l-intaljatur Pawlu Bugeja, l-induratur Antonio Gauci u l-mastrudaxxa Ġwakkin Galea. **("L'Amico del Popolo" n. 190 u n. 191.)**

2. – Dan il-palk, li sewa madwar £140, skond **il-"Malta News" (Wednesday 20 July 1881)** ġie inawgurat il-Ħamis, 14 ta' Lulju 1881, bi programm mill-Banda La Valette fejn indaqq ukoll innu, f'ġieħ il-Madonna, tas-Surmast Emanuel Bartolo u kantat mill-kor tat-tfal. **("L'Amico del Popolo" n. 190.)**

3. – Id-disinn sabiħ tal-kandilabri kbar u ta' ornamenti oħra li rajna fi Pjazza San Ġorġ fil-festa tal-Karmnu, huma tax-xenografu s-Sur Vinċenz Cremona. **("L'Amico del Popolo" n. 191 p.3.)**

### E. Il-Konkors tal-Poplu

1. – Għall-aħħar jumejn tal-festi, mhux biss il-poplu Malti ħa sehem bi ħġaru, iżda wkoll l-Isqallin ġew jattendu għal dawk il-festi solenni f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu: "The number of people who crowded into the town from all parts of the Island on the last two days, it is impossible to correctly estimate; suffice however to state that not only people of Floriana, of the Three Cities and of all our villages flocked in hundreds to town, but a great number of foreigners came from the near land of Sicily to witness the celebration of the Festival." **("Malta News" Wednesday, 20 July 1881.)**

2. – Diversi pajjiżi minn Malta u Għawdex organizzaw, għal dawn il-festi ta' l-Inkurunazzjoni, pellegrinaġġi għall-Belt b'turija ta' qima kbira lejn is-santwarju tal-Karmnu u ta' interess illi l-Maltin urew għal din iċ-ċerimonja ġdida. **("Fede ed Azione" p.254.)**

3. – Fit-tieni jum tat-Tridu folol immensi ta' nies niżlu x-Xatt ta' Marsamxett ħalli jaraw it-tlielaq tad-dgħajjes u l-ġostra **("L'Amico" n. 190.)** Għalihom tant assistew nies illi diversi persuni "involontarjament" ħadu banju bl-ilma mielaħ hekk kif dawk in-nies li kienu wara bdew irossu u jimbuttaw biex jaraw huma wkoll **("Risorġimento" n.1461)** iżda dan il-ġurnal jassigurana li ħadd ma korra.

Skond il-**"Malta News" (n. 452)** l-ewwel premjijiet fit-tlielaq tad-dgħajjes intrebħu mill-grupp ta' Marsamxett.

4. – Fl-aħħar tat-Tridu, il-poplu qagħad igawdi t-tiġrijiet taż-żwiemel u bhejjem oħra li bdew fil-5.30pm. Dan l-avveniment, li tqies bħala novità ntgħoġob minn kull min assista għalih, fosthom il-Gvernatur (li dak iż-żmien kien Sir Arthur Borton) bis-segwitu tiegħu minn fuq gondola. **("Corriere Mercantile Maltese" 15 ta' Lulju 1881.)** Enormi kien il-konkors tal-poplu li ġie minn kull naħa tal-gżira. **("L'Amico del Popolo" tat-22 ta' Lulju 1881.) "Il Portofoglio Maltese" tat-Tnejn 18 ta' Lulju**, wera x-xewqa ġenerali li dawn it-tlielaq tad-dgħajjes u t-tiġrijiet taż-żwiemel jibqgħu jsiru kull sena fl-okkażjoni tal-festa popolari tas-sittax ta' Lulju.

5. – Fil-festa ta' l-Inkurunazzjoni, il-Konsli Esterni kollha, b'sede f'Malta, tellgħu l-bandiera tal-Gvernijiet rispettivi tagħhom. **("Corriere Mercantile Maltese" tal-15 ta' Lulju 1881.)**

## III. Kummenti Ġurnalistiċi

1. – L-artikulista ta' **"L'Amico del Popolo" 22/7/1881)** temm id-deskrizzjoni dettaljata u interessanti tiegħu billi nnota:

i. festa bħal din qatt ma kienet għadha saret fl-imgħoddi ġewwa Malta. L-isqfijiet tagħna qatt (il-ġurnal **"Fede ed Azione"** n. 905 iżda jikteb: è da molto che Monsignore col suo Capitolo non si è piu visto pontificare...) ma qaddsu pontifikal ħlief fil-Katidral jew f'San Ġwann. Fi knejjes oħra l-isqfijiet, meta kienu jkunu preżenti, assistew bħala "Presbyter" fil-quddiesa.

ii. Fil-ġranet kollha tal-festa solenni, lanqas inċident wieħed ma ġara li seta' jtellef l-ordni u l-paċi pubblika; u dan huwa ħafna meta wieħed iqis il-poplu mmens li kkonkorra minn kull naħa tal-gżira għal dawn il-festi.

2. – Fil-kommentarju dwar id-dimostrazzjonijiet esterni, **"Fede ed Azione" n. 905** kiteb illi l-illuminazzjoni u l-logħob tan-nar issuperaw dawk tas-snin l-imgħoddija: ħafna nies xegħlu d-djar tagħhom. Iżda nnota illi għalkemm sar ħafna xogħol, naħsbu li l-Maltin setgħu u anke riedu jagħmlu iżjed. Ċertament il-kontribuzzjonijiet juru illi mhux ir-rieda kienet li naqset. Fl-aħħar, iżda, faħħar u rringrazzja lil kull min ta sehmu għas-suċċess li kisbu dawn il-festi tassew kbar.

3. – Żewġ gazzetti wrew id-dispjaċir tagħhom li mhux il-Komunitajiet reliġjużi kollha mistiedna għall-festa ħadu sehem fil-purċissjoni. Xtaqu li l-Awtorità reliġjuża tirrimedja għal dawn l-inċidenti ta' dispjaċir. **("L'Amico del Popolo" 12/7/1881 u "Corriere Mercantile Maltese" n. 59.)**

4. – **"The Malta Standard" (n. 59)** ħarġet b'dan il-kumment: "The religious ceremonies, procession, illuminations, fireworks, music, horse and boat made up a most attractive programme to those who do not hold the opinion that life would be very tolerable if not for its pleasures. Five days of continuous excitement is a little too much of a good thing… Moderation in all things, says St. Paul. However, all is well that ends well." Fuq linja differenti minn din, naqraw fil-**"Ħabbar Malti" tat-23 ta' Lulju 1881 paġna 3:** "illi kulħadd ra l-ħrara tal-Patrijiet u kemm xorti għamlu biex il-poplu jgawdi: bdew il-festi sa minn erbat ijiem qabel – it-tiġrija tad-dgħajjes u l-ġostra u t-tlielaq taż-żwiemel qanqlu ħafna kummerċ; u fuq hekk faħħruhom mhux ftit lill-Patrijiet talli ħasbu għal kulħadd."

5. – Jidhirli li huwa f'waqtu dan il-kumment konklussiv ta' **"L'Amico del Popolo" n. 190:** "Bla ma noqogħdu nsemmu lil ħadd b'ismu, irridu ngħidu illi l-Patrijiet Karmelitani, min b'mod u min b'ieħor, taw sehemhom (jistħoqqilhom tifħir) sabiex din is-sollennità eċċezzjonali tirnexxi kif stħoqqilha għall-ġieħ tal-Gran Verġni Marija u tal-poplu Malti li d-devozzjoni tiegħu lejn Sidtna Marija tiżboq kull immaġinazzjoni. Għalhekk jilqgħu r-reverendi Patrijiet it-tifħir sinċier tagħna għas-suċċess tassew kbir."

*Għall-okkażjoni tal-Festa 2003, għandna għall-bejgħ souvenirs (keychains, postcards, santi, eċċ...) ġodda. Min huwa interessat jista' javviċina lill-Pirjol Patri Martin Schembri O.Carm*

**GIANNI**
CASUAL LINE
FASHION ONYX APPAREL
PHARD
SORBINO Uomo
GROUND FLOOR CITY GATE ARCADE VALLETTA

*Polidano Crane Hire Services Ltd*
Tal-Barrani Road, Żejtun BBG 06 – Malta
Tel: 2182 6126, 2180 0312
Fax: 2167 3733
Mob: 7949 2891, 7982 6126
E-mail: ppolidano@waldonet.net.mt
or jpolidano@waldonet.net.mt

